

**Brussell, 17 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)**

**13664/22**

**CYBER 327  
TELECOM 410  
COSI 247  
COPEN 354  
DATAPROTECT 280  
IND 413  
RECH 547  
HYBRID 99  
JAI 1326  
POLMIL 225  
RELEX 1357**

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 17 ta' Ottubru 2022

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 12930/22

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT  
- Konklużjonijiet tal-Kunsill approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu fis-17 ta'  
Ottubru 2022

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Jannar 2022.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar

- il-Komunikazzjoni Konġunta tal-20 ta' Novembru 2017 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: "Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE",
- it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-mezzi fil-qasam ta' ċibersigurtà fl-UE,
- it-tifsira tal-5G għall-Ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji tas-sigurtà marbuta mal-5G,
- it-tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa,
- "Irkupru li javvanza t-tranżizzjoni lejn industrija Ewropea aktar dinamika, reżiljenti u kompetittiva"
- iċ-ċibersigurtà ta' apparat konness,
- l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali,
- l-iżvilupp tal-pożizzjoni ċibernetika tal-Unjoni Ewropea,
- ir-Rapport Speċjali Nru 03/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu "Tnedija tal-5G fl-UE: dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, u problemi ta' sigurtà jibqgħu mhux solvuti",

## FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar

- il-COVID-19, is-Suq Uniku, il-politika industrijali, ir-relazzjonijiet diġitali u esterni tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020,
  - l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna, is-sigurtà u d-difiża, l-enerġija, il-kwistjonijiet ekonomiċi, il-Covid-19 u r-relazzjonijiet esterni tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022,
  - l-Ukrajna, is-sigurtà tal-ikel, is-sigurtà u d-difiża u l-enerġija tat-30 u l-31 ta' Mejju 2022,
1. Minħabba r-rilevanza dejjem akbar tal-ġeopolitika għaċ-ċibersigurtà, JENFASIZZA li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jindirizzaw iċ-ċibersigurtà b'mod komprensiv u strateġiku. L-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat bidla kbira fl-ambjent strateġiku ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea u wriet il-ħtieġa għal Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. Enfasizzat li huwa ta' importanza kbira li jitqies b'mod xieraq l-ambjent ġeopolitiku mhux biss b'reazzjoni għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, iżda wkoll meta tinbena u tinżamm ir-reżiljenza tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT). Dan huwa ta' rilevanza speċjali għall-ktajjen tal-provvista ta' prodotti u servizzi tal-ICT (ktajjen tal-provvista tal-ICT), li t-tnejn jistgħu jiddgħajfu abbażi ta' rivalità ġeopolitika, kif wera l-attakk ta' SolarWinds, u milquta minn tensjonijiet ġeopolitiċi u instabbiltà, kif turi t-theddida relatata mad-dipendenza fuq bejjieġha Russi tal-ICT matul l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna.

2. JINNOTA li n-natura tar-riskji assoċjati mal-katina tal-provvista tal-ICT, li hija magħmula minn sett relatat ta' riżorsi u proċessi bejn l-operaturi ekonomiċi (kif definit fir-Regolament (UE) 2019/1020) li jibda bl-akkwist tal-materja prima u jestendi permezz tal-manifattura, l-ipproċessar, l-immaniġġjar u l-konsenja ta' prodotti u servizzi tal-ICT, inkluż l-għoti ta' appoġġ matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti u s-servizzi tal-ICT, iġib miegħu sfidi uniċi u konsegwenzi potenzjalment estensivi. Minbarra r-riskji relatati man-nuqqas ta' disponibbiltà tal-prodotti tal-ICT, pereżempju, minħabba nuqqasijiet ta' materja prima kritika u semikondutturi meħtieġa għall-produzzjoni tagħhom, il-ktajjen tal-provvista tal-prodotti u s-servizzi tal-ICT huma esposti għal theddid ieħor. Partikolarment, dawn jistgħu jkunu mmirati jew użati ħażin minn atturi malizzjużi b'modi sofisticati, spiss moħbija, li għandhom impatti fuq il-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà ta' data sensittiva trazzmessa u maħżuna.
3. Filwaqt li jirrikonoxxi li huwa meħtieġ approċċ għall-perikli kollha fl-iżgurar tal-assi tal-ICT, JIRRIKONOXXI r-rilevanza tal-proposta għad-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi biex ittejjeb is-sigurtà fiżika tal-entitajiet kritiċi, u JENFASIZZA li minbarra li tissaħħaħ ir-reżiljenza kontra l-attakki tal-katina tal-provvista mwettqa permezz ta' mezzi ċibernetiċi, huwa daqstant importanti li jissaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà ġenerali tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT kontra l-varjetà sħiħa ta' fatturi ta' theddid, bħal avvenimenti naturali, fallimenti tas-sistema, theddid minn ġewwa, jew żbalji umani. F'dan is-sens, JAGĦRAF li s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT tinkludi l-iżgurar tal-protezzjoni tal-prodotti u s-servizzi tal-ICT prodotti, mogħtija, akkwistati u użati fil-ktajjen tal-provvista tal-ICT, inkluż permezz tal-protezzjoni ta' komponenti individwali u data trazzmessa.

4. Abbażi tat-tagħlimiet mill-konsegwenzi tad-dipendenzi strateġiċi tal-Unjoni Ewropea fuq il-fjuwils fossili Russi kif ukoll mill-impatti tax-xkiel fil-ktajjen tal-provvista matul il-pandemiji tal-COVID-19, partikolarment b'rabta mal-farmaċewtiċi u s-semikondutturi, fejn ġew esposti d-dipendenzi strateġiċi tal-UE, IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jaħdmu biex jevitaw sitwazzjonijiet simili ta' dipendenzi esterni strateġiċi mhux mixtieqa b'rabta mal-prodotti u s-servizzi tal-ICT. Minħabba d-diġitalizzazzjoni dejjem akbar tas-soċjetà u l-użu dejjem akbar tal-ICTs fl-infrastruttura kritika, id-dipendenzi esterni strateġiċi relatati mal-prodotti u s-servizzi tal-ICT u l-ktajjen tal-provvista tagħhom għandhom jiġu vvalutati kontinwament u, fejn xieraq, indirizzati.
5. IFAKKAR li l-kisba ta' awtonomija strateġika filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa hija għan ewlieni tal-Unjoni, li jinkludi l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi u ż-żieda tar-reżiljenza fl-aktar ekosistemi industrijali sensittivi u oqsma speċifiċi, inkluż fil-qasam diġitali. Dan jinkludi l-iżvilupp u l-użu ta' kapaċitajiet u infrastruttura diġitali strateġiċi kif ukoll it-tiżni tal-kapaċità li jsiru għażliet teknoloġiċi awtonomi u bħala wieħed mill-pilastri ewlenin, l-iżgurar ta' infrastrutturi, prodotti u servizzi reżiljenti u siguri għall-bini tal-fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali u fis-soċjetà Ewropea, filwaqt li jinżammu l-ftuħ, il-kooperazzjoni globali ma' sħab tal-istess fehma u l-kompetittività, u l-isfruttar tal-benefiċċji potenzjali tagħhom. Il-valuri ċentrali tal-Unjoni Ewropea jippreservaw b'mod partikolari l-privatezza, is-sigurtà, l-ugwaljanza, id-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt u Internet miftuħ bħala prerekwiżiti biex jinkisbu soċjetà, ekonomija u industrija mħaddma b'mezzi diġitali u ċċentratu fuq il-bniedem.

6. JINNOTA li minħabba l-iżviluppi fix-xenarju tat-theddid ċibernetiku muri mix-xejra ta' attacchi sofisticati u b'impatt kbir tal-katina tal-provvista f'dawn l-aħħar snin, bħall-attakki SolarWinds, Mimecast, jew Kaseya, li qed jitfaċċaw flimkien mal-esternalizzazzjoni ta' servizzi essenzjali tal-ICT u intensifikati mid-dipendenza ġenerali fuq prodotti u servizzi tal-ICT manifatturati, mogħtija, jew servuti minn partijiet terzi, l-okkorrenza ta' aktar attacchi fil-katina tal-provvista bi ħsara sostanzjali għall-ekonomija u s-soċjetà hija probabbli ħafna fil-futur. Fid-dawl ta' dan, JENFASIZZA l-importanza li jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT għall-funzjonament tas-Suq Uniku flimkien mal-ħtieġa li jiġu żgurati d-disponibbiltà, is-sigurtà u d-diversità tal-prodotti u s-servizzi tal-ICT fis-Suq Uniku. Għalhekk, JIRRIKONNOXXI l-ħtieġa li jiġi massimizzat u ssimplifikat l-użu tal-istrumenti u l-approċċi eżistenti tal-UE biex jinkisbu dawn l-oġettivi kif ukoll il-ħtieġa ta' adattament kontinwu għax-xenarju tat-theddid ċibernetiku li qed jinbidel billi jiġu introdotti miżuri u mekkaniżmi xierqa addizzjonali, inkluż fir-rigward tar-riskji possibbli għas-sigurtà ta' teknoloġiji emerġenti u xekkiela. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex f'dan ir-rigward isegwu l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex jindirizzaw żviluppi teknoloġiċi ġodda.
7. JAGĦRAF li nifhmu x-xenarju tat-theddid ċibernetiku dejjem jevolvi kif ukoll il-komplessità tal-attakki fil-katina tal-provvista huwa essenzjali għall-mitigazzjoni effettiva tar-riskji assoċjati mal-ktajjen tal-provvista tal-ICT. F'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-ħtieġa li naġġustaw għal theddid ġdid billi nissorveljaw, nanalizzaw, u nivvalutaw b'mod attiv u kontinwu x-xenarju tat-theddid tal-katina tal-provvista, biex titqajjem kuxjenza u jinbena għarfien dwar it-theddid u l-vulnerabbiltajiet, u biex l-entitajiet rilevanti jiġu avżati b'mod proattiv b'mod imfassal apposta. JILQA' l-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA) relatata mas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT, partikolarment ir-Rapport tagħha dwar il-Pajsaġġ ta' Theddid għall-Attakki tal-Katina tal-Provvista.

## STRUMENTI U APPROĊĊI TRANSETTORJALI

8. ITENNI l-importanza li l-Istati Membri jikkunsidraw il-ħtieġa li jiddiversifikaw il-fornituri tal-ICT kritiċi sabiex jevitaw jew jillimitaw il-ħolqien ta' dipendenzi kbar fuq fornituri uniċi, u b'mod partikolari fornituri b'riskju għoli, peress li dan iżid l-esponiment għall-konsegwenzi ta' xkiel potenzjali. JAGĦRAF l-evitar ta' intrappolament tal-bejjieġha u d-diversifikazzjoni tal-fornituri tal-ICT bħala wieħed mill-komponenti importanti għall-iżgurar tal-istabbiltà u s-sigurtà tas-suq intern. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu promossi u implimentati strateġiji xierqa li jiffaċilitaw id-diversifikazzjoni u l-kompetittività tal-bejjieġha b'mod teknoloġikament newtrali. Barra minn hekk, JINKORAĠĠIXXI l-integrazzjoni ta' aspetti relatati mal-prevenzjoni tal-intrappolament ta' bejjieġha fil-leġiżlazzjoni tal-UE. F'dan ir-rigward, JIRRIKONOXXI l-proposta għal Regolament dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data), bl-għan li tiżdied l-interoperabbiltà tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data u li jitneħħew l-ostakli għall-bdil bejn il-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data.
9. JAGĦRAF ir-rabta tas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT mal-akkwist pubbliku. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-proċeduri tal-akkwist pubbliku jqisu b'mod adegwat l-importanza tas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT billi jimponu, fejn xieraq, kriterji tal-għażla oġġettivi u bbażati fuq ir-riskju relatati mal-kapaċità tal-offerenti li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tas-servizzi pprovduti. JAPPELLA li jinstab bilanċ tajjeb bejn l-interess pubbliku fl-aktar użu effiċjenti u ġust tal-fondi pubbliċi minn naħa u l-interess pubbliku fl-iżgurar tas-sistemi ta' informazzjoni u l-iżgurar tal-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku min-naħa l-oħra. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-regoli rilevanti tal-akkwist pubbliku fid-dawl taż-żieda fiċ-ċibersigurtà, JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida metodoloġiċi sat-tielet kwart tal-2023 sabiex tħeġġeġ lill-awtoritajiet kontraenti jikkonċentraw b'mod xieraq fuq il-prattiki taċ-ċibersigurtà tal-offerenti u s-sottokuntratturi tagħhom, u biex tivvaluta u, jekk meħtieġ, tagħmel proposti biex tirrevedi jew tikkomplementa l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-akkwist pubbliku.

10. JIRRIKONOXXI li investimenti diretti barranin relatati ma' prodotti u servizzi tal-ICT, filwaqt li jipprovdu benefiċċji ekonomiċi u soċjali lill-Istati Membri, lin-negozji u liċ-ċittadini, jistgħu jinkludu riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku u JINNOTA li l-mekkaniżmu tal-Iskrinjar tal-Investment Dirett Barrani tal-UE, flimkien mas-sistemi tal-iskrinjar nazzjonali rispettivi, li jipprovdu mezzi biex jindirizzaw tali riskji, jistgħu jiġu applikati wkoll bħala għodda siewja għas-salvagwardja tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-ICT billi jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni ta' investimenti ta' riskju għoli li jistgħu jaffettwaw tali sigurtà u reżiljenza. JAGĦRAF li l-informazzjoni skambjata u maqsuma permezz ta' dan il-mekkaniżmu tista' tgħin lill-Istati Membri jivvalutaw aħjar it-theddid possibbli għas-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT u jieħdu l-passi meħtieġa kif meħtieġ. JAPPELLA lill-atturi nazzjonali rilevanti jqisu wkoll din id-dimensjoni tal-mekkaniżmu tal-iskrinjar, fejn xieraq.
11. Fir-rigward tad-difiża, ITENNI l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex fl-2023 tivvaluta, flimkien mal-Istati Membri, ir-riskji għall-ktajjen tal-provvista tal-infrastruttura kritika f'diversi oqsma, inkluż id-dominju diġitali, relatati mal-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-UE kif ukoll biex tesplora għażliet biex tiżdied iċ-ċibersigurtà tul il-katina tal-provvista kollha tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża tal-UE. Barra minn hekk, JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jirriflettu dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT fl-implimentazzjoni tal-impenji u l-azzjonijiet tal-Boxxla Strateġika.
12. Filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-materja prima kritika kif ukoll it-tipi kollha ta' semikondutturi bħala l-elementi kostitwenti bażiċi għall-prodotti tal-ICT, JINKORAĠĠIXXI negozjati kostruttivi tal-Proposta għal Regolamenti li jistabbilixxu qafas ta' miżuri għat-tiżni tal-ekosistema tas-semikondutturi tal-Ewropa (l-Att dwar iċ-Ċipep) u l-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti taħt Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta taċ-Ċipep.

## STRUMENTI SPEĊIFIĊI GĦAĊ-ĊIBERNETIKA

13. Speċifikament fir-rigward tal-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, JIRRIKONOXXI l-kisbiet fil-livell tal-Unjoni biex tittejjeb is-sigurtà tal-katina tal-provvista tan-networks 5G, partikolarment permezz tas-Sett ta' Għodod tal-UE għas-sigurtà tal-5G (Sett ta' Għodod tal-UE għall-5G). JAPPELLA lill-Istati Membri biex jaqsmu aktar informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u metodoloġiji dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri rakkomandati fis-Sett ta' Għodod tal-UE għall-5G u b'mod partikolari biex japplikaw ir-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-fornituri ta' riskju għoli għal assi ewlenin definiti bħala kritiċi u sensitivi fil-valutazzjoni tar-riskju kkoordinata tal-UE. JISĦAQ li s-Sett ta' Għodod tal-UE għall-5G jirrappreżenta strument aġli bbażat fuq ir-riskju biex jindirizza l-isfidi identifikati fil-qasam tas-sigurtà, li jippermetti t-trattament f'waqt u effiċjenti tal-aspetti taċ-ċibersigurtà tal-5G, filwaqt li jirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri, u JIRRIKONOXXIIH bħala strument siewi biex isaħħaħ aktar, bi trasparenza sħiħa, is-sigurtà tal-katina tal-provvista tan-networks tat-telekomunikazzjoni b'mod koordinat li jista' jservi ta' ispirazzjoni għall-valutazzjoni tar-riskju u l-għodod ta' mitigazzjoni relatati ma' setturi vitali oħra. IFAKKAR fl-istedina tal-awtoritajiet rilevanti biex jifformulaw rakkomandazzjonijiet, abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex isaħħu n-networks u l-infrastrutturi tal-komunikazzjonijiet ta' reżiljenza fl-Unjoni Ewropea, inkluż l-implimentazzjoni kontinwa tas-Sett ta' Għodod tal-UE għall-5G.
14. JINNOTA l-importanza ta' approċċi interoperabbli li jistgħu jindirizzaw l-intrappolament tal-klijentela u jnaqqsu r-riskju ta' konċentrazzjoni, filwaqt li jtejjbu s-sigurtà tal-katina tal-provvista fl-ispettru kollu tal-infrastruttura u s-servizzi tal-ICT. Partikolarment b'rabta man-networks 5G, JAGĦRAF il-benefiċċji potenzjali tal-kunċett ta' RAN Miftuħ f'dak ir-rigward, filwaqt li fl-istess ħin IFAKKAR fir-Rapport dwar iċ-ċibersigurtà ta' RAN Miftuħ ippubblikat mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-NIS filwaqt li jinnota li dan il-kunċett għadu qed jiġi żviluppat u s-sigurtà, it-trasparenza u l-istandardizzazzjoni tiegħu jinsabu f'fażi bikrija ta' maturità, u JENFASIZZA l-importanza li jiġu vvalutati r-riskji qabel kull tranżizzjoni għal standards jew strutturi ġodda.

15. JENFASIZZA r-rilevanza tal-istrumenti leġiżlattivi orizzontali eżistenti u futuri fiċ-ċibersigurtà, partikolarment ir-Regolament dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà), id-Direttiva li jmiss dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (NIS2), il-Proposta għal Regolament li jstabbilixxi miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll il-Proposta għal Regolament dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għal prodotti b'elementi diġitali (l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika), biex tiżdied is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT. Barra minn hekk, JINNOTA l-iżviluppi importanti fir-regolamenti taċ-ċibersigurtà speċifiċi għas-settur, b'mod partikolari r-Regolament futur dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju (DORA), li jinkludi qafas ta' sorveljanza għall-fornituri terzi ta' servizzi tal-ICT li huma kritiċi għall-entitajiet finanzjarji. Dawn ir-regolamenti jgħibu magħhom obbligi ġenerali marbutin mas-sigurtà tal-katina tal-provvista kif ukoll rekwiżiti dettaljati u speċifiċi rilevanti għas-settur ikkonċernat. Fl-istess ħin, JISĦAQ li l-fornituri spiss jipprovdu l-prodotti u s-servizzi tagħhom f'setturi differenti, aktar milli lil industrija waħda. Għalhekk, huwa ferm importanti li jiġi żgurat li r-rekwiżiti tas-sigurtà tal-katina tal-provvista jkunu, kemm jista' jkun possibbli, allinjati fis-setturi rilevanti kollha, speċjalment dawk koperti mid-Direttiva NIS 2 futura, sabiex jiġu evitati diskrepanzi bejn l-obbligi imposti fuq il-fornituri kif ukoll biex jittaffa l-piż fuq l-operaturi ta' setturi kritiċi tal-valutazzjoni tal-konformità tal-fornituri ma' dawk l-obbligi, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet tas-settur.
16. JILQA' l-proposta tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika bħala strument leġiżlattiv importanti għall-avvanz tal-iżvilupp sigur ta' prodotti b'elementi diġitali, u biex jiġi żgurat li ċ-ċibersigurtà titqies fiċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' prodotti b'elementi diġitali. JINNOTA li l-proposta tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi konsiderevolment għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT. JINKORAĠĠIXXI negozjati kostruttivi u adożzjoni f'waqtha tal-Att.

17. F'dan ir-rigward, JAGĦRAF il-ħidma li għaddejja mmexxija mill-ENISA, flimkien mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħrajn, biex tippovdi lill-UE bi skemi ta' ċertifikazzjoni għal prodotti, servizzi u proċessi tal-ICT f'konformità mal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà li għandhom jikkontribwixxu biex jgħollu l-livell ġenerali taċ-ċibersigurtà fi ħdan is-Suq Uniku Diġitali. IĦEĠĠEĠ lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jipparteċipaw fil-ħidma preparatorja fuq skemi ta' ċertifikazzjoni Ewropej individwali sabiex jibnu l-fiduċja fi prodotti, proċessi u servizzi siguri tal-ICT u biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tħejji malajr atti ta' implimentazzjoni dwar l-iskemi ta' ċertifikazzjoni Ewropej wara t-tlestija tal-ħidma preparatorja, partikolarment l-Iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà (EUCC) ibbażata fuq il-Kriterji Komuni. JINNOTA li l-iskemi ta' ċertifikazzjoni Ewropej għandhom jinkludu, fejn meħtieġ, rekwiżiti dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista, inkluż ir-relazzjonijiet mal-fornituri.
18. JENFASIZZA l-ħtieġa għal implimentazzjoni bir-reqqa tad-dispożizzjonijiet kollha tan-NIS 2 li ġejjin relatati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT. F'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA r-rilevanza tal-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-UE ta' ktajjen tal-provvista kritiċi (valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-katina tal-provvista), politiki nazzjonali dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista u miżuri ta' sigurtà relatati mal-katina tal-provvista. JINNOTA li għandha tingħata attenzjoni mhux biss lill-fornituri primarji iżda wkoll lis-sottokuntratturi rilevanti fir-rigward tar-riskji għas-sigurtà tal-fornitur primarju jew tal-klijent aħħari. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista, JINKORAĠĠIXXI lill-ENISA biex twettaq, bl-assistenza tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-NIS, rendikont tal-aħjar Prattiki disponibbli għall-ġestjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista u tiġborhom f'linji gwida metodoloġiċi. Barra minn hekk, IĦEĠĠEĠ lill-ENISA biex timmonitorja l-investimenti fis-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT tal-entitajiet regolati skont id-Direttiva NIS 2 li jmiss.

19. JENFASIZZA wkoll il-benefiċċji u r-riskji tal-użu tal-Fornituri ta' Servizi Ġestiti (MSPs) u tal-Fornituri ta' Servizi ta' Sigurtà Ġestiti (MSSPs) fil-kuntest tas-sigurtà tal-katina tal-provvista. Filwaqt li l-użu ta' dawn il-fornituri jista' jtejjeb konsiderevolment is-sigurtà fi ħdan l-organizzazzjonijiet, u jwassal għal livelli ogħla ta' ċibersigurtà, il-ġestjoni remota ta' sistemi u servizzi tal-ICT flimkien ma' aċċess privileġġat għall-ambjent tal-ICT tal-klijenti, li l-MSPs u l-MSSPs jistgħu jeħtieġu, jistgħu fil-każ ta' MSPs jew MSSPs kompromessi jwasslu għal effetti kaskata b'impatt fuq għadd kbir ta' klijenti. Għalhekk, huwa ta' importanza kbira li l-MSPs u l-MSSPs iżommu livell għoli tas-sigurtà interna tagħhom stess u s-sigurtà tas-servizzi li jipprovdu u jieħdu approċċ trasparenti għall-klijenti tagħhom rigward is-sigurtà tas-servizzi li jipprovdu. F'dan ir-rigward, JILQA' l-inklużjoni futura tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS 2 li jmiss.
20. Rigward l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu għal valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-katina tal-provvista skont id-Direttiva NIS 2 li jmiss, JINNOTA r-rilevanza ta' fatturi ta' riskju mhux tekniċi f'dan il-kuntest, bħall-influwenza mhux xierqa minn Stat terz fuq il-fornituri u l-fornituri tas-servizzi u f'dan il-kuntest JAGĦRAF il-fatturi li jistgħu jintużaw biex jiġi vvalutat il-profil tar-riskju kif imsemmi fil-valutazzjoni tar-riskju kkoordinata tal-UE taċ-ċibersigurtà tan-networks 5G. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tidentifika sat-tieni kwart tal-2023, wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-NIS u l-ENISA, is-servizzi, is-sistemi jew il-prodotti speċifiċi tal-ICT li jistgħu jkunu soġġetti għall-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-katina tal-provvista bi prijorià.

21. JINNOTA li d-dipendenzi fuq fornituri b'riskju għoli ta' prodotti u servizzi tal-ICT użati għat-tħaddim ta' networks u sistemi kritiċi joħlqu theddida strateġika li jeħtieġ li tiġi mitigata permezz ta' politiki xierqa kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE u permezz ta' kooperazzjoni fost l-Istati Membri u ma' sħab internazzjonali tal-istess fehma. Sabiex tiġi ffaċilitata l-mitigazzjoni ta' dan ir-riskju strateġiku u jiġu appoġġati l-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-katina tal-provvista, JISTIEDEN lill-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-NIS, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u l-ENISA, biex jiżviluppa sett ta' għodod ta' miżuri għat-tnaqqis tar-riskji kritiċi tal-katina tal-provvista tal-ICT (Sett ta' Għodod tal-Katina tal-Provvista tal-ICT). Is-Sett ta' Għodod tal-Katina tal-Provvista tal-ICT għandu jibni fuq xenarji strateġiċi ta' theddid identifikati għall-ktajjen tal-provvista tal-ICT u jipprovdi miżuri biex iwieġbu għal dawn ix-xenarji li jingranaw l-esperjenzi mis-Sett ta' Għodod tal-5G u dawk miksuba fil-livell nazzjonali. Għandu jikkomplementa, b'mod trasparenti, il-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-katina tal-provvista għal servizzi, sistemi jew prodotti tal-ICT speċifiċi skont id-Direttiva NIS 2 li jmiss billi toffri miżuri ġeneriċi għat-tnaqqis tar-riskji li jistgħu jiġu aġġustati għal servizzi, sistemi jew prodotti speċifiċi tal-ICT b'mod skalabbli, abbażi tar-riskji identifikati fil-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati individwali tal-katina tal-provvista.

22. JENFASIZZA r-rwol importanti tar-riċerka, l-innovazzjoni, l-investimenti u l-attivitajiet intraprenditorjali fil-qasam diġitali u taċ-ċibersigurtà kif ukoll tal-finanzjament ta' tali attivitajiet fir-rigward tal-evitar ta' dipendenzi strateġiċi futuri mhux mixtieqa possibbli u t-tiżiħ tar-reżiljenza ġenerali tal-ktajjen tal-provvista tal-ICT. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA r-rwol u r-rilevanza kemm tal-kompiti strateġiċi kif ukoll dawk ta' implimentazzjoni taċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà u tan-Network ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni (ECCC) biex jikkontribwixxu għall-massimizzazzjoni tal-effetti tal-investimenti biex isaħħu t-tmexxija tal-Unjoni u l-awtonomija strateġika miftuħa fil-qasam taċ-ċibersigurtà u jappoġġaw il-kapaċitajiet u l-ħiliet teknoloġiċi tal-Unjoni u biex iżidu l-kompetittività dinjija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, JAPPELLA għall-operazzjonalizzazzjoni rapida tal-ECCC. JISTIEDEN lill-ECCC biex iqis l-aspetti tas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT, fosthom, pereżempju, l-iżvilupp sigur ta' software, fl-Aġenda Strateġika tagħhom filwaqt li jiżgura l-konsistenza u l-komplementarjetà u jevita duplikazzjoni tal-isforzi. JAPPOĠĠA t-tiżiħ tal-kompetittività Ewropea fil-qasam taċ-ċibersigurtà permezz ta' programmi ta' finanzjament, bħall-Programm Orizzont Ewropa għar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll il-Programm Ewropa Diġitali għat-tiżiħ, il-bini u l-akkwist ta' kapaċitajiet essenzjali għall-ekonomija, is-soċjetà u d-demokrazija diġitali tal-UE.

## MEKKANIŻMI TA' APPOĠĠ

23. JINKORAĠĠIXXI t-tisħiħ ta' inċentivi ta' appoġġ finanzjarju relatati ma' miżuri bil-għan li jsaħħaħ is-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT. JAPPELLA, bħala kwistjoni ta' prijorità, anke fid-dawl tal-implimentazzjoni li jmiss tad-Direttiva NIS 2, lill-ECCC, lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jespjoraw possibbiltajiet għall-inklużjoni ta' aspetti tas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT fis-sejħiet li ġejjin fi ħdan il-Programmi ta' Ħidma dwar iċ-Ċibersigurtà taħt il-Programm Ewropa Diġitali u l-Programm Orizzont Ewropa, jew opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti oħrajn. Dawn l-opportunitajiet ta' finanzjament jenħtieġ li, fost l-oħrajn, ikollhom l-għan li jippermettu lill-organizzazzjonijiet jappoġġaw iż-żamma ta' livell għoli ta' ċibersigurtà f'termini tal-akkwist ta' prodotti u servizzi tal-ICT tul il-katina tal-provvista kollha, partikolarment b'rabta mas-sostituzzjoni ta' servizzi, sistemi jew prodotti kritiċi speċifiċi tal-ICT rikonoxxuti bħala ta' riskju għoli f'konformità mal-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati futuri tal-katina tal-provvista.
24. JIRRIKONOXXI li l-globalizzazzjoni u l-ispeċjalizzazzjoni tas-servizzi tal-ICT u dipendenza akbar fuq prodotti u servizzi ta' partijiet terzi jgħibu l-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib fl-UE u internazzjonalment fil-qsim tal-għarfien u l-għarfien espert fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti u JHEĠĠĠGHOM isibu pożizzjoni b'saħħitha u kkoordinata li tiżgura s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT b'mod komprensiv. JAGĦRAF ukoll il-ħtieġa li jiġu esplorati aktar approċċi u tekniki avvanzati rilevanti, kemm għal iġjene ċibernetika bażika xierqa u soluzzjonijiet dejjiema għall-kisba ta' ktajjen tal-provvista tal-ICT siguri u reżiljenti kif ukoll l-aktar modi xierqa għall-promozzjoni u l-inkorporazzjoni potenzjali tagħhom f'inizjattivi ta' politika jew inizjattivi oħra. JAGĦRAF f'dak ir-rigward li għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġu esplorati l-benefiċċji u l-iżvantaġġi ta' soluzzjonijiet sistematiċi, bħall-prinċipji ta' fiduċja żero, il-kont tas-software tal-materjal, u soluzzjonijiet dejjiema simili. JIRRAKKOMANDA l-użu tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tan-NIS għal dak l-għan.

25. JINNOTA l-benefiċċji tal-monitoraġġ u l-qsim effettiv tal-informazzjoni dwar inċidenti u theddid ċibernetiċi għall-prevenzjoni, is-sejbien u l-mitigazzjoni tal-effetti ta' attakki fil-katina tal-provvista. JENFASIZZA l-ħtieġa li tkompli tinbena l-fiduċja u l-kunfidenza bejn l-Istati Membri għall-qsim effettiv ta' tali informazzjoni. JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni li tappoġġa l-Istati Membri fil-ħolqien u t-tisħiħ ta' Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (SOCs) sabiex jinbena network ta' SOCs madwar l-UE, biex jiġu sorveljati u antiċipati aktar is-sinjali li jindikaw attakki fuq networks. IFAKKAR fil-ħtieġa ta' komplementarjetà u koordinazzjoni fi ħdan networks u mekkaniżmi eżistenti, l-iktar partikolarment JENFASIZZA f'dan ir-rigward ir-rwol tan-Netzwerk tas-CSIRTs u l-ħtieġa li jiġi esplorat aktar il-potenzjal ta' dawn in-networks li jipromwovu kultura ta' qsim ta' informazzjoni effiċjenti, sigura, u affidabbli. IFAKKAR fl-isforzi li saru mill-Istati Membri, appoġġati mill-UE, biex joħolqu CSIRTs settorjali, nazzjonali, u reġjonali u Ċentri tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal- Informazzjoni (ISACs) nazzjonali jew Ewropej b'ħala parti minn network effettiv ta' sħubijiet taċ-ċibersigurtà fl-Unjoni.
26. Minħabba n-natura interkonnessa u dinjija tat-theddid tal-katina tal-provvista tal-ICT, JENFASIZZA l-importanza li nieħdu approċċ u ntejbu s-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT fuq livell dinji. F'dan il-kuntest, JIRRAKKOMANDA l-użu ta' sħubijiet diġitali, djalogi ċibernetiċi u inizjattivi rilevanti oħra tal-UE, inkluż, fejn xieraq, ftehim ta' kummerċ ħieles, għall-promozzjoni ta' evalwazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju ta' fornituri ta' prodotti tal-ICT u fornituri ta' servizzi tal-ICT, l-użu ta' fornituri affidabbli u għat-ħaddim ta' ekosistema diġitali sigura u innovattiva bbażata fuq standards miftuħa, interoperabbli u trasparenti. Barra minn hekk, ITENNI l-viżjoni tas-sħubijiet tal-Global Gateway kif ukoll il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, u l-attivitajiet taħt il-gruppi ta' ħidma tiegħu, biex jiġi promoss l-użu ta' fornituri fdati/mhux ta' riskju għoli u biex jiġi żviluppat mekkaniżmu ta' finanzjament li jippermetti proġetti li jagħmlu l-infrastruttura u s-servizzi tal-ICT fi Stati terzi aktar siguri, reżiljenti u fdati, inkluż billi joqogħdu lura milli jiffinanzjaw xiri minn fornituri mhux fdati/ta' riskju għoli b'mod teknoloġikament newtrali.

27. ITENNI l-impenn tiegħu li jikkontribwixxi għal u jippromwovi ċiberspazju miftuħ, liberu, globali, stabbli u sigur u li jsegwi n-normi, ir-regoli u l-prinċipji ta' mgħiba statali responsabbli fiċ-ċiberspazju stipulati fil-qafas tan-NU. B'rabta mas-sigurtà tal-katina tal-provvista tal-ICT b'mod partikolari, IFAKKAR fin-norma approvata mill-GGE tan-NU u l-OEWG li thegħegħ lill-Istati jieħdu passi raġonevoli biex jiżguraw l-integrità tal-katina tal-provvista, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' miżuri kooperattivi oġġettivi, sabiex l-utenti aħħarin ikun jista' jkollhom fiduċja fis-sigurtà tal-prodotti tal-ICT, u jfittxu li jipprevjenu l-proliferazzjoni ta' għodod u tekniki malizzjużi tal-ICT u l-użu ta' funzjonijiet moħbija dannużi, u JIRRAKKOMANDA l-implimentazzjoni wiesgħa tagħha.

---